MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 189/2012

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-knisja ta' Santa Liberata gewwa l-Kalkara nhar id-19 ta' Dicembru 1998;

2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku att numru 2096/1998 kopja tac-certifikat annessa u mmarkata Dok. A;

3. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

4. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

5. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Joseph Debono datat tlieta ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (03.06.2004) kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B;

6. Illi permezz tal-istess kuntratt il-paritjiet ddekadew mid-dritt reciproku ghall-manteniment;

7. Illi l-esponenti ilha separata legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;

8. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;

9. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

a) tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar id-19 ta' Dicembru 1998 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ April, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ Gunju 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt reciproku ghal manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------